**24 ta' Novembru, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Brockdorff

**Kartelluni — Lotterija — Kompliċità — Art. 2, 57 u 61(a) tal-Kap. 117 — Art. 1 u 21 tal-Kap. 110.**

*Il-liġi tipprojbixxi t-twaħħil ta' kartelluni li ma jkunx fihom stampat l-isem tal-istamperija fejn inħadmu u d-data li fihom ġew stampati; u dak li jeżibihom isir kompliċi, jekk mhux anki ko-awtur tal-fatt kriminus vjetat mill-liġi, għax jikkomparteċipa fl-att konsumattiv ta' reat "per sè stante", ċjoè dak ta' publikazzjoni ta' stampati kontra l-liġi.*

*Il-liġi ma tagħmelx distinzjoni bejn stampati li ġew minn barra u dawk stampati f'Malta.*

*Il-liġi teżenta minn dan il-preċett, u d-dispożizzjoni relattiva ssir inoperattiva, meta l-istampat ikun intiż merament għal skopijiet kummerċjali; u ċertament ma hux skop kummerċjali protett mill-liġi dak li jikser il-liġi u jkun kummerċjali f'sens illeċitu*

*L-espressjoni 'lotterija" fil-liġi dwar il-Lotto Publiku ma hix ristretta għas-sinifikat komuni tagħha, imma għandha sinifikat amplifikat, u proprju tattalja ruħħha għal proġett ta' distribuzzjoni ta' profitti dipendenti mill-eżitu nċert tal-logħob tal-azzard.*

***U hekk, min jeżibixxi kartelluni kontenenti avviż dwar proġett simili, u dawk il-kartelluni ma jkunx fihom stampat l-isem tal-istamperija fejn saru u d-data meta saru, avvolja jkunu kartelluni li saru barra minn Malta, jikkommetti reat kontra l-Liġi tal-Istampa kif ukoll reat kontra l-Liġi dwar il-Lotto Pubbliku.***

**Il-Qorti:—** Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imsemmi Brockdorff, li biha ġie miġjub quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondi għall-imputazzjoni illi f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar tliet xhur, kiser il-provvedimenti tal-art. 9(1) u (2) u 57 tal-Kap. 117 tal-Liġijiet ta' Malta, Ediz. Riv., billi mporta għat-tqassim u qassam karti stampati li fuqhom ma kienx jidher l-isem tal-istamperija kif ukoll id-data ta' meta ġew stampati, u b'hekk sar kompliċi tal-istess reat; u barra minn dan, f'dawn l-aħħar sentejn, fil-Belt Valletta u bnadi oħra f'Malta, ippublika avviżi ta' lotterija ta' barra, jew għarraf lill-publiku bil-post li fih wieħed jista' jikteb f'dik il-lotterija.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Ottubru 1962, li biha sabet l-imputat mhux ħati u lliberatu;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella minn dik id-deċiżjoni u talab li tiġi revokata, u li l-imputat jiġi misjub ħati u punit skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Għalkemm il-Prosekuzzjoni ma tistgħax tappella f'kull każ, dan l-appell hu però ammissibbli, għaliex l-Attorney General qiegħed jappella in kwantu jsostni li kien hemm enunċjazzjoni ħażina tal-ipotesi tal-liġi;

Kwantu għar-reat taħt l-art 57 tal-Kap. 117, ma hemmx kuntrast li dawn il-kartelluni, ossija "posters", ġew imwaħħlin per opera tal-imputat, u li fihom ma kienx hemm stampat l-isem tal-istamperija u lanqas id-data li fiha ġew stampati. L-imputat, bil-fatt tiegħu, dak ċjoè tal-eżibizzjoni ta' dawn il-kartelluni, sar kompliċi, jekk mhux anki ko-awtur, ta' fatt kriminus, għax kien komparteċipi fl-att konsumattiv ta' reat "per sè stante", dak ċjoè ta' publikaz-

zjoni ta' stampati. L-art. 57, inoltre, fil-ġeneralità tal-lokuzzjoni tiegħu, ma jagħmel ebda distinzjoni bejn stampati li ġew minn barra jew stampat li sar f'Malta. Il-kliem li hemm fl-art. 2 tal-liġi, invokali mid-difiża b'suċċess quddiem l-Ewwel Qorti, ma jistgħux jiġu estiżi biex jillimitaw il-ġeneralità tad-dizzjoni tal-art 57, għaliex huma evidentement intiżi biss biex jevitaw kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni in relazzjoni għall-art. 5 tal-Kodiċi Kriminali għar-rigward ta' dawk ir-reati ta' dik it-Taqsima. Il-motiv enunċjat mill-Ewwel Qorti, u, qabel, mid-difiża fin-nota tagħha, li ċjoè fil-każ ta' "posters" stampati barra minn Malta ma hux ta' nteress fejn ġew stampati ma hux konvinċenti,anki għax l-indikazzjoni ta' stamperija, sija pure barra minn Malta, tista', meta jsiru l-aċċertamenti komprovanti meħtieġa, almenu teskludi li l-"posters" ġew stampati f'Malta, appartt li fiċ-ċirkustanzi kongruwi jistgħu anki jittieħdu talvolta passi oħra kontra l-istamperija ta' barra minn Malta;

Ikkunsidrat;

Id-difiża ssottomettiet ukoll li, fi kwalunkwe każ, l-imputat ma jaqgħax taħt id-dispost tal-art. 57 tal-Kap. 117, minħabba li hu ntitolat għall-eżenzjoni tal-art. 61(a) ibidem. Dan, "inter alia", jagħmel inoperattiv l-art. 57 fuq innisemmi, meta l-istampat ikun intiż merament għal skopijiet kummerċjali. Qiegħed jingħad "merament", għaliex fit-test ingliż tal-liġi (li skond il-Karta Kostituzzjonali tagħna għandu jipprevali) hemm il-kelma "merely", ommessa fit-test malti;

Dan il-mezz defensjonali ma hux aċċettabbli. B'din l-eċċezzjoni l-liġi riedet ovvjament tipproteġi avviż kummerċjali, u li hu verament kummerċjali, u ċertament ma riedetx tagħti dik l-eżenzjoni lill-avviż li minħabba l-kontenut tiegħu qiegħed jikser il-liġi, u li hu kummerċjali f'sens illeċitu, in kwantu jkun qiegħed intiż għal lukru antiċipabbli minn operazzjonijiet riprovati mill-liġi, bħal ma hija ndubbjament din l-operazzjoni loska li ġiet proġettata b'dak il-kartellun, intiża biex jiġu spelati dawk li b'faċili kredulità jaffidaw ruħhom lill-promessi ta' Armand. Għalhekk il-liġi qalet "merament kummerċjali" — "merament" — u mhux meta l-intendiment spekulattiv ikun intreċċjat ma' operazzjonijiet illeċiti. Il-liġi ma tikkonċedix eżenzjonijiet fl-affarijiet illeċiti. L-imputat ma setgħax ma jifhemx,

kif jifhem kull min ma jridx jagħlaq għajnejh apposta, li din kienet waħda minn dawk il-"bogus companies" li kull-tant sfortunatament jaffjoraw f'pajjiż jew ieħor;

Kwantu għat-tieni reat, kieku l-espressjoni "lottery" kienet ristretta għas-sinifikat komuni tagħha, allura forsi wieħed kien jista' jiddubita jekk ġiex kommess dan ir-reat taħt l-art. 21 tal-Kap. 110; *imma* d-definizzjoni tal-art. 11 ta' dak il-Kap mhux biss tamplifika dan is-sinifikat, imma proprju tattalja ruħha għal dan il-każ, li fih appuntu hemm proġett ta' distribuzzjoni ta' profitti dipendenti mill-eżitu inċert tal-logħob tal-azzard. Il-kelma "invest", użata fl-istampat, mhijiex ħlief lokuzzjoni li biha jiġi larvat l-iskop veru ta' din l-impriża qarrieqa, kif jidher eżuberantement mill-attijiet tal-proċess;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell ta' Attorney General, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat ħati skond l-imputazzjoni dupliċi lilu addebitata, u wara li rat l-art. 9, 57 u 59 tal-Kap. 117, u l-art. 21 tal-Kap. 110, u l-art 19(f) tal-Kap. 12, għal dak li hu konkors ta' reati, tikkundanna lill-imputat għall-ammenda ta' £5 kwantu għall-ewwel reat u għall-multa ta' £20 kwantu għat-tieni reat.